IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2020
COM(2020) 162 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Raba' Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

Werrej

Werrej 1
1. Introduzzjoni 2
1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati 2
1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità 3
2. Kif taħdem il-Faċilità 4
3. Il-kapaċità finanzjarja, id-durata u n-natura tal-finanzjament 5
4. Programmazzjoni 6
5. Implimentazzjoni tal-Faċilità 8
6. Monitoraġġ u evalwazzjoni 14
7. Awditu 16
8. Komunikazzjoni u viżibbiltà 17
9. Konklużjoni u l-passi li jmiss 18

1. Introduzzjoni

F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015[1] dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ("id-Deċiżjoni"), il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (minn hawn 'il quddiem "il-Faċilità"). L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-ewwel Rapport Annwali dwar il-Faċilità ġie ppreżentat f'Marzu 2017[2]. Dan iddeskriva l-funzjonijiet tal-Faċilità, l-ewwel azzjonijiet li ttieħdu sabiex tiġi implimentata u mmonitorjata, is-sistema ta' evalwazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet relatati tal-komunikazzjoni. It-tieni u t-tielet rapport ġew ippubblikati f'Marzu 2018[3] u April 2019 rispettivament[4].

Id-data tal-għeluq għal dan ir-raba' rapport hija fl-aħħar ta' Frar 2020. Għalhekk, dan ma jkoprix l-iżviluppi li seħħew f'Marzu 2020, li se jiġu rrapportati fir-rapport tas-sena d-dieħla.

1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, it-Turkija hija pajjiż prominenti għall-akkoljenza u għat-tranżitu ta' refuġjati u ta' migranti. Fid-dawl tan-numru bla preċedent ta' persuni li waslu fit-Turkija, l-aktar minħabba l-kunflitti fis-Sirja u fl-Iraq, il-pajjiż qed jospita aktar minn 4 miljun refuġjat u migrant, l-akbar numru fid-dinja. Dan jinkludi 3,6 miljun refuġjat Sirjan irreġistrati[5], u 370 000 refuġjat u applikant għall-ażil irreġistrati primarjament mill-Afganistan, mill-Iraq, mill-Iran u mis-Somalja[6] [7]. Filwaqt li t-Turkija qed tkompli tagħmel sforzi ta' min ifaħħarhom sabiex tilqa', tappoġġja u tospita numri kbar ta' refuġjati u ta' migranti, dawn in-numri kellhom impatt sinifikanti fuq il-komunitajiet ospitanti. L-ispostament fit-tul tar-refuġjati Sirjani fit-Turkija qed joħloq sfidi għall-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati, il-migranti u l-komunitajiet ospitanti.

It-Turkija qed tkompli tagħmel sforzi sinifikanti sabiex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kważi erba' miljun refuġjat. It-Turkija tenniet l-impenn tagħha għall-implimentazzjoni tad-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24.11.2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni - il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija, kif ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855 tal-10.2.2016.

[2] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/170302_facility_for_refugees_in_turkey_first_annual_report.pdf

[3] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/14032018_facility_for_refugees_in_turkey_second_annual_report.pdf

[4] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/com_2019_174_f1_communication_from_commission_to_inst_en_v5_p1_1016762.pdf

[5] Fil-31.12.2019 kien hemm 3 576 370 "Sirjan taħt Protezzjoni Temporanja" rreġistrati, sors id-Direttorat Ġenerali Tork għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni: https://en.goc.gov.tr/temporary-protection27

[6] https://www.unhcr.org/tr/en/unhcr-turkey-stats

[7] Partikolarità tas-sistema tal-ażil tat-Turkija hija marbuta mal-fatt li l-pajjiż iffirma b'riżerva l-Protokoll ta' New York tal-1967 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tar-refuġjati fit-Turkija ma tistax tapplika għal status sħiħ ta' refuġjat iżda biss għal status ta' "Refuġjat Kondizzjonali", li jekk jingħata, jillimita l-permanenza fil-pajjiż sal-mument li refuġjat rikonoxxut jiġi "risistemat f'pajjiż terz".

Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016[8] u kellha rwol importanti fl-iżgurar ta' ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran. Għad li fl-2019 kien hemm żieda fil-migrazzjoni irregolari mit-Turkija, id-Dikjarazzjoni baqgħet tikseb riżultati konkreti fit-tnaqqis tal-vjaġġi irregolari u perikoluż u fis-salvataġġ tal-ħajjiet fil-Baħar Eġew.

1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità

Fl-2015, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li jżidu l-involviment politiku u finanzjarju tagħhom sabiex jappoġġaw lit-Turkija fl-isforzi tagħha sabiex tospita lir-refuġjati. Bi tweġiba għas-sejħa mill-Istati Membri tal-UE għal finanzjament addizzjonali sinifikanti sabiex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015, emendata fl-10 ta' Frar 2016[9], u mill-ġdid fl-14 ta' Marzu u fl-24 ta' Lulju 2018. Il-Faċilità hija mekkaniżmu li jikkoordina l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi magħmula disponibbli kemm taħt il-baġit tal-UE kif ukoll taħt kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri integrati fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern. L-Istati Membri huma politikament impenjati li jipprovdu kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-qafas tal-Fehim Komuni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, li ġie adottat mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri fit-3 ta' Frar 2016, u aġġornat fl-okkażjoni tal-ftehim dwar it-tieni segment tal-Faċilità[10]. Il-Fehim Komuni jistabbilixxi wkoll qafas ta' kundizzjonalità. Għall-ewwel segment tal-Faċilità (2016-2017) b'kollox ġew allokati EUR 3 biljun. L-ammont ta' EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni flimkien mat-EUR 345 miljun[11] li diġà kienu ġew allokati mill-Kummissjoni lit-Turkija b'rispons għall-kriżi tar-refuġjati Sirjani qabel ma bdiet il-Faċilità u kien addizzjonali għall-għajnuna bilaterali mill-Istati Membri[12]. Ammont addizzjonali ta' EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni għat-tieni segment tal-Faċilità (2018-2019) u tella' t-total tal-Faċilità għal EUR 6 biljun. Il-Faċilità saret operazzjonali fis-17 ta' Frar 2016 bl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità. Wara din il-laqgħa, il-Kummissjoni ħadmet b'pass mgħaġġel sabiex tikkonkludi l-kuntratti tal-ewwel proġetti tal-Faċilità.

Fit-18 ta' Marzu 2016, il-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern tal-Unjoni Ewropea u tat-Turkija reġgħu kkonfermaw l-impenn tagħhom lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tagħhom u qablu fuq aktar miżuri mmirati lejn l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-UE u l-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni[13]. It-Turkija u l-Unjoni Ewropea għarfu li kien hemm bżonn li jsiru aktar sforzi rapidi u ddeterminati. B'mod aktar speċifiku, id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 (minn hawn 'il quddiem "id-Dikjarazzjoni"),

[8] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 60/03 tal-10.02.2016 dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015.

[10] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11329-2018-INIT/en/pdf

[11] Finanzjament mobilizzat fis-snin 2013-2015 taħt l-istrumenti differenti ta' finanzjament estern, jiġifieri l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), inkluż numru ta' azzjonijiet implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF).

[12] Sa mill-bidu tal-kriżi, l-UE mmobilizzat l-għodod politiċi u umanitarji kollha għad-dispożizzjoni tagħha b'appoġġ għall-poplu Sirjan, b'EUR 17-il biljun mobilizzati kollettivament mal-Istati Membri tal-UE f'assistenza umanitarja, għall-iżvilupp, ekonomika u ta' stabbilizzazzjoni.

[13] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/

talbet fost l-oħrajn sabiex tintemm il-migrazzjoni irregolari mit-Turkija lejn l-UE billi jitkisser il-mudell tan-negozju tat-traffikanti u billi l-migranti jiġu offruti alternattiva flok li jipperikolaw ħajjithom; u sabiex il-faċilità tiġi implimentata b'aktar ħeffa.

L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni kompliet taqdi rwol importanti matul l-2019 sabiex jiġi żgurat li l-isfidi tal-migrazzjoni jiġu indirizzati b'mod effettiv u b'mod konġunt mill-UE u mit-Turkija. Għad li fl-2019 kien hemm żieda fil-migrazzjoni irregolari mit-Turkija, id-Dikjarazzjoni baqgħet tikseb riżultati konkreti fit-tnaqqis tal-vjaġġi irregolari u perikoluż u fis-salvataġġ tal-ħajjiet fil-Baħar Eġew.

Fl-2019, in-numru totali ta' wasliet mit-Turkija fl-UE kien ta' 83 333, meta mqabbel ma' 56 560 wasla rreġistrati fl-2018 (żieda ta' 47 %). Il-maġġoranza l-kbira tal-wasliet kienet irreġistrata fil-Greċja. B'kollox, fl-2019 73 626 persuna waslu l-Greċja bil-baħar u mill-art, 54% aktar mill-2018 (47 915). Fl-2019, il-wasliet fuq l-art (13 456) meta mqabbla mal-2018 naqsu bi 15% iżda l-wasliet bil-baħar (60 151) żdiedu b'87%. Madankollu, għall-2019, iċ-ċifra kumplessiva tal-migrazzjoni irregolari mir-Rotta tal-Lvant tal-Mediterran għadha ferm anqas min-numru ta' migranti irregolari li qasmu din ir-rotta fl-2015 (885 386).[14]

Issoktaw ir-risistemazzjonijiet mit-Turkija fl-UE skont l-arranġament ta' wieħed għal kull wieħed[15] previst fid-Dikjarazzjoni. In-numru totali ta' persuni risistemati skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija sa mill-4 ta' April 2016 (sa Diċembru 2019) huwa ta' 25 560 (7 020 minnhom fis-sena 2019), filwaqt li 1 995 migrant ġew irritornati t-Turkija skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija (189 minnhom fl-2019) u 601 skont il-protokoll bilaterali bejn il-Greċja u t-Turkija. L-Iskema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja hija skema ta' risistemazzjoni ssimplifikata aktar prevista fid-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Il-Proċeduri Operazzjonali Standard għall-iskema fl-2017 ġew approvati kemm mit-Turkija kif ukoll mill-Istati Membri. Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija, l-iskema se tiġi attivata ladarba jintemm jew jitnaqqas b'mod sostanzjali u xieraq il-qsim bejn it-Turkija u l-UE. Il-Kummissjoni ħeġġet kontinwament lill-Istati Membri sabiex jattivaw l-Iskema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja.

2. Kif taħdem il-Faċilità

Il-Faċilità hija mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jippermetti l-mobilizzazzjoni mħaffa, effettiva u effiċjenti ta' għajnuna tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija. Il-Faċilità tiżgura l-aħjar mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti fl-UE, bħala għajnuna umanitarja u/jew bħala għajnuna għall-iżvilupp, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet li jospitawhom b'mod komprensiv u kkoordinat[16].

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità jipprovdi gwida strateġika dwar il-prijoritajiet, it-tip ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati, l-ammonti li għandhom jiġu allokati u l-istrumenti ta' finanzjament li għandhom jiġu mmobilizzati - u, fejn ikun xieraq, dwar il-kundizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni mit-Turkija tal-impenji tagħha skont il-Pjan ta' Azzjoni

[14] Frontex https://frontex.europa.eu/along-eu-borders/migratory-map/

[15] Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija, għal kull persuna Sirjana li tiġi rritornata t-Turkija mill-gżejjer Griegi, persuna Sirjana oħra tiġi risistemata mit-Turkija fl-UE fid-dawl tal-Kriterji ta' Vulnerabbiltà tan-NU.

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24.11.2015, l-Artikolu 2 – L-Għanijiet tal-Faċilità.

Konġunt UE-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015[17] (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan ta' Azzjoni Konġunt"). Fl-2019, ir-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Faċilità, saru żewġ laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija, fis-17 ta' Mejju u fid-9 ta' Diċembru.

Il-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità huma l-ħeffa, l-effiċjenza u l-effettività, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba. Is-sostenibbiltà tal-interventi tal-Faċilità u s-sjieda konġunta mill-awtoritajiet Torok huma importanti wkoll. L-identifikazzjoni tal-oqsma prijoritarji għall-assistenza hija bbażata fuq valutazzjoni komprensiva u indipendenti tal-ħtiġijiet[18], b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-gruppi vulnerabbli. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġiet aġġornata fl-2018[19].

Il-Faċilità tikkoordina l-finanzjament mill-istrumenti ta' finanzjament esterni li ġejjin[20]: l-għajnuna umanitarja[21], l-Istrument Ewropew ta' Viċinat[22], l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp[23], l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA)[24] u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi[25]. Il-miżuri ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni huma implimentati f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti finanzjarji tagħha applikabbli kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll indiretta.

L-implimentazzjoni tal-assistenza tiddependi mill-konformità stretta tat-Turkija mal-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt u tad-Dikjarazzjoni.

3. Il-kapaċità finanzjarja, id-durata u n-natura tal-finanzjament

Il-baġit totali kkoordinat mill-Faċilità huwa ta' EUR 6 biljun, u huwa mmobilizzat f'żewġ segmenti. Proġetti taħt l-ewwel segment jitwettqu sa mhux aktar tard minn nofs l-2021 u taħt it-tieni segment sa mhux aktar tard minn nofs l-2025 (il-biċċa l-kbira tal-proġetti se titlesta qabel). Il-fondi operazzjonali kollha ġew impenjati taħt iż-żewġ segmenti.

L-ewwel segment ammonta għal EUR 3 biljun, li EUR 1 biljun minnhom ġew mobilizzati mill-baġit tal-UE u EUR 2 biljun mill-Istati Membri[26]. Bl-istess mod, it-tieni segment

[17] Ara l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855.
[18] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/2016_needs_assessment_.pdf
[19] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/updated_needs_assessment.pdf
[20] Il-kontribuzzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) ġew ittrasferiti u implimentati rispettivament taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Fiduċjarju tal-UE. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet kollha mill-Faċilità għall-EUTF (mill-IPA u sa punt anqas mid-DCI) ġew implimentati bħala assistenza mhux umanitarja.
[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 rigward l-għajnuna umanitarja, ĠU L163, 2.7.1996, p. 1.
[22] Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.ı
[23] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44.
[24] Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11.
[25] Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1.
[26] It-tqassim totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jinsab fuq http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/02/03/refugee-facility-for-turkey/.

ammonta għal EUR 3 biljun, li minnhom il-baġit tal-UE pprovda EUR 2 biljun u l-Istati Membri EUR 1 biljun[27].

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tal-baġit tal-UE, mill-EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE għall-2016-2017, EUR 250 miljun ġew mobilizzati fl-2016 u EUR 750 miljun fl-2017. Miż-EUR 2 biljun mill-baġit tal-UE għall-2018-2019, EUR 550 miljun ġew mobilizzati fl-2018, bil-bilanċ mobilizzat fl-2019.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, għall-ewwel segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 677 miljun għall-Faċilità fl-2016, EUR 847 miljun fl-2017, EUR 396 miljun fl-2018 u EUR 80 miljun fl-2019. Għat-tieni segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 68 miljun fl-2018, EUR 202 miljun fl-2019, bil-pagamenti li jifdal ippjanati sal-2023. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jsiru direttament lill-Baġit Ġenerali tal-UE fil-forma ta' dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(2)(a)(ii) tar-Regolament Finanzjarju u jiġu assenjati lil-linji baġitarji tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u tal-Għajnuna Umanitarja.

Jissokta t-tlaqqigħ sodisfaċenti bejn ir-rata tal-pagamenti mill-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom *lill*-Faċilità u r-rata tal-iżborżi ffinanzjati minn dawk il-kontribuzzjonijiet *mill*-Faċilità.

4. Programmazzjoni

Ir-rapport aġġornat ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet[28] identifika l-ħtiġijiet ta' prijorità u l-lakuni li fadal fir-rispons għar-refuġjati u pprovda gwida siewja għall-programmazzjoni tat-tieni segment tal-Faċilità. Dan ikkonkluda li l-protezzjoni, il-ħtiġijiet bażiċi u l-għajxien, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-infrastruttura muniċipali għadhom oqsma prijoritarji ewlenin.

In-Nota Aġġornata dwar il-Kunċett Strateġiku[29] kellha l-għan li tipprovdi qafas strateġiku għall-programmazzjoni u għall-implimentazzjoni tat-tieni segment tal-Faċilità, b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u l-awtodipendenza bħala objettivi ewlenin. In-nota kkonfermat il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istrumenti tal-gvern, tal-iżvilupp u dawk umanitarji sabiex jiġu identifikati soluzzjonijiet aktar sostenibbli u dejjiema fil-kuntest ta' kriżi mtawla u lil hinn mit-tul tal-ħajja tal-Faċilità, u l-iżborż ta' EUR 6 biljun. Dan jimplika tibdil strateġika minn assistenza umanitarja għal assistenza għall-iżvilupp taħt il-Faċilità. Tingħata attenzjoni partikolari għall-għoti ta' appoġġ soċjoekonomiku sostenibbli u għall-opportunitajiet ta' għajxien, u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-komunitajiet ospitanti sabiex jakkomodaw lir-refuġjati filwaqt li tiġi sostnuta l-koeżjoni soċjali. Wara li tintemm il-Faċilità, l-awtoritajiet Torok u l-Kummissjoni se jaħdmu sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-proġetti tal-Faċilità. Barra minn hekk, is-sistema nazzjonali Torka teħtieġ li tkun lesta li tieħu f'idejha l-implimentazzjoni tal-assistenza mill-Faċilità sabiex tiżgura soluzzjonijiet sostenibbli u aċċess ekwu għad-drittijiet u għas-servizzi.

[27] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/06/29/facility-for-refugees-in-turkey-member-states-agree-details-of-additional-funding/
[28] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/updated_needs_assessment.pdf
[29] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/updated_facility_strategic_concept_note.pdf

Il-programmazzjoni tat-tieni segment kellha l-għan li tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali dwar il-Faċilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[30], maħruġ f'Novembru 2018 (ara wkoll taħt Awditu aktar 'il quddiem). Il-Qorti xeħtet enfasi partikolari fuq il-ħtieġa għal strateġija konġunta sabiex jiġu mobilizzati l-fergħat umanitarji u tal-iżvilupp tal-Faċilità, sabiex tiġi anticipata t-tranżizzjoni mill-finanzjament mill-Faċilità għall-awtoritajiet nazzjonali u sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kisbiet tal-Faċilità lil hinn mit-tul tal-ħajja tal-Faċilità.

Wara l-appoġġ riċevut mill-Kumitat ta' Tmexxija f'Mejju 2019 u l-opinjoni pożittiva riċevuta matul il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-IPA ta' Lulju, il-Kummissjoni adottat Miżura Speċjali dwar is-saħħa, il-protezzjoni, l-appoġġ soċjoekonomiku u l-infrastruttura muniċipali għal ammont kumplessiv ta' EUR 1,41 biljun[31] iffinanzjati taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tibda negozjati dwar numru ta' azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt it-tieni segment (ara d-deskrizzjoni għal kull qasam ta' prijorità hawn taħt). Dan ikkomplimenta l-Miżura Speċjali dwar l-edukazzjoni, li ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Lulju 2018 u li ġiet emendata f'Diċembru 2018, għal ammont totali ta' EUR 500 miljun[32], ukoll taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità.

F'Ottubru 2019, il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-IPA ta opinjoni pożittiva għal Miżura ta' Appoġġ taħt il-Faċilità sabiex tkopri l-kontinwazzjoni tal-interventi relatati mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni, mal-awditu u mal-komunikazzjoni. Il-Miżura ġiet adottata formalment f'Novembru 2019 u ammontat għal EUR 11,34 miljun. Jenħtieġ li din tipprovdi għall-kontinwazzjoni tal-attivitajiet mibdija taħt il-Miżura ta' Appoġġ iffinanzjati taħt l-ewwel segment, sabiex tkopri wkoll il-proġetti ppjanati u implimentati taħt it-tieni segment.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, il-Pjan ta' Implimentazzjoni Umanitarju (HIP) tal-2018 ta' EUR 50 miljun ġie impenjat u kkuntrattat bis-sħiħ permezz ta' għaxar proġetti li jkopru azzjonijiet dwar is-saħħa u l-protezzjoni. Il-bilanċ tal-pakkett umanitarju ġie impenjat permezz tal-HIP tal-2019, li jammonta għal EUR 991,88[33] miljun u EUR 972 miljun diġà ġew ikkuntrattati, inklużi l-estensjoni tax-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza attwali (ESSN 2) u l-iffirmar ta' kuntratt ġdid għall-ESSN 3, li l-implimentazzjoni tagħhom għandha tibda f'April 2020. L-ammont li jifdal ta' EUR 19,50 miljun ġie allokat bħala kapaċità ta' riżerva għall-finanzjament possibbli tar-reazzjonijiet għall-influss ta' refuġjati ġodda mis-Sirja. Minħabba li r-riżerva ma ntużatx fl-2019, jenħtieġ li dan l-ammont jiġi kkuntrattat fl-ewwel xhur tal-2020. Jenħtieġ li dan jikkompleta l-eżerċizzju ta' programmazzjoni għat-tieni segment.


[30] Rapport tal-QEA: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR18_27/SR_TRF_MT.pdf
[31] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18.7.2019 dwar l-adozzjoni ta' miżura speċjali dwar is-saħħa, il-protezzjoni, l-appoġġ soċjoekonomiku u l-infrastruttura muniċipali taħt il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, Brussell, 18.7.2019 C(2019) 5454 final
[32] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/amendment_c_2018_8254_f1_commission_implementing_decision_en_v3_p1_1001796.pdf
[33] Il-bqija tal-pakkett umanitarju huwa għal kostijiet amministrattivi u ta' appoġġ, li mhumiex inklużi fl-HIPs.

Mill-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni allokat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità; minn total ta' EUR 6 biljun ġew ikkuntrattati EUR 4,7 biljun, li minnhom ġew żborżati EUR 3,2 biljun.

5. Implimentazzjoni tal-Faċilità

Il-Faċilità hija implimentata bħala assistenza umanitarja u għall-iżvilupp. Taħt l-ewwel segment, ġew allokati madwar EUR 1,4 biljun u EUR 1,6 biljun għall-fergħat rispettivi. Minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi taħt it-tieni segment jiffokaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet tal-għajxien. Taħt it-tieni segment, ġew allokati EUR 1,04 biljun għall-assistenza umanitarja, u EUR 1,9 biljun għall-għajnuna għall-iżvilupp.

Għall-Faċilità b'mod kumplessiv, id-disaggregazzjoni tal-assistenza umanitarja u għall-iżvilupp hija kif ġej:



Id-detallji sħaħ jinsabu fit-tabella tal-proġetti online[34].

Ta' min jinnota li l-assistenza pprovduta fil-qafas tal-Faċilità hija bbażata fuq il-proġetti. L-iżborżi jiddependu ħafna mill-progress fl-ikkuntrattar u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-Faċilità.

Tingħata attenzjoni partikolari lir-refuġjati u lill-applikanti għall-ażil mhux Sirjani. L-interventi tal-Faċilità dejjem ikollhom l-għan li jinvolvu lill-komunitajiet lokali li qed jospitaw lir-refuġjati.

L-**assistenza umanitarja** tappoġġja l-aktar refuġjati vulnerabbli permezz tal-provvista ta' appoġġ prevedibbli u dinjituż li jindirizza l-ħtiġijiet bażiċi u l-protezzjoni. Hija tindirizza wkoll il-lakuni fil-provvista ta' servizz permezz ta' aġenziji speċjalizzati u ta' sħab fis-saħħa u fl-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-għajnuna umanitarja tal-UE hija ggwidata mill-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007[35], li jistipula li l-UE, bħala

[34] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/facility_table.pdf
[35] Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.

attur umanitarju, taderixxi mal-prinċipji umanitarji tal-umanità, tan-newtralità, tal-imparzjalità u tal-indipendenza, kif stabbiliti fl-Artikolu 214 tat-TFUE u fir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja (Nru. 1257/96)[36,37].

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, b'kollox ġew implimentati 64 proġett permezz ta' 19-il sieħeb taħt l-ewwel u t-tieni segment tal-Faċilità. Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jkopru r-rispons għall-ħtiġijiet bażiċi, il-protezzjoni, l-edukazzjoni, u s-saħħa għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli fit-Turkija. Il-kuntratti kollha tal-ewwel segment tlestew, ħlief għal ħames proġetti li se jintemmu fl-2020. Sal-31 ta' Diċembru 2019, taħt l-ewwel segment ġew allokati u kkuntrattati madwar EUR 1,4 biljun f'assistenza umanitarja u ġew żborżati EUR 1,3 biljun, filwaqt li għat-tieni segment ġew ikkuntrattati EUR 1,022 biljun u ġew żborżati EUR 590 miljun.

L-**assistenza għall-iżvilupp** tappoġġja l-ħtiġijiet aktar fit-tul fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp soċjoekonomiku tar-refuġjati, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi u għall-opportunitajiet ta' għajxien, u tal-infrastruttura muniċipali. Din tiffoka wkoll fuq gruppi vulnerabbli u tinkludi dimensjoni tal-ġeneri fl-interventi tagħha, eż. il-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet kontra l-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq il-ġeneru u fuq it-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità, l-implimentazzjoni ta' 26 proġett ikkuntrattati taħt l-ewwel segment qed tkompli turi progress tajjeb. Minn dawn il-proġetti, 15 huma implimentati taħt il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF) għal total ta' EUR 293 miljun, minbarra l-allokazzjoni ġestita direttament permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[38].

L-iżborżi lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni laħqu l-EUR 1,59 biljun minn total ta' EUR 1,6 biljun allokati għall-assistenza għall-iżvilupp taħt l-ewwel segment[39]. Taħt it-tieni segment tal-Faċilità, ġew ikkuntrattati aktar minn EUR 700 miljun, u diġà ġew żborżati EUR 165 miljun.

Il-progress għal kull qasam prijoritarju fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' assistenza ffinanzjata taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità huwa kif ġej:

Edukazzjoni

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, għadu qed jiġi implimentat b'suċċess it-Trasferiment Kundizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE). Is-CCTE jappoġġja r-reġistrazzjoni fl-

[36] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja.

[37] L-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) annwali speċifiċi għall-pajjiżi. Il-qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sħab tagħha fil-qasam tal-għajnuna umanitarja huwa stabbilit bil-Ftehimiet Qafas Finanzjarji u Amministrattivi tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u bil-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi.

[38] Il-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni taħt il-Faċilità huma ġestiti f'konformità mar-regoli għall-azzjoni esterna stipulati fit-Titolu IV tat-tieni parti tar-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu.

[39] Din iċ-ċifra tinkludi wkoll l-iżborżi taħt proġetti implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, iżda li għadhom ma ġewx iddebitati lill-baġit tal-UE.

iskejjel u l-attendenza ta' tfal refuġjati permezz tal-provvista ta' pagamenti kull xahrejn lill-familji refuġjati, bil-kundizzjoni li l-istudenti jattendu l-iskola b'mod regolari. Is-CCTE 2, li sa tmiem l-2019 appoġġja aktar minn 500 000 tifel u tifla refuġjati, għandu jibqa' għaddej sa Ottubru 2020. Il-finanzjament umanitarju appoġġja wkoll l-edukazzjoni mhux formali u r-reġistrazzjoni ta' tfal li ma jmorrux skola taħt l-ewwel u t-tieni segmenti tal-Faċilità. Għalhekk, aktar minn EUR 180 miljun ġew impenjati għall-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Fir-rigward tal-assistenza għall-iżvilupp, l-ewwel għotja diretta lill-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali[40] sabiex jiżdiedu l-integrazzjoni u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għal tfal Sirjani ntemmet f'Mejju 2019, iżda għadha għaddejja taħt "PIKTES II[41]", b'baġit ta' EUR 400 miljun. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tibqa' għaddejja sa Diċembru 2021. Skont il-PICTES, ġew impjegati aktar minn 4 000 ħarrieġ tal-lingwa Torka sabiex jagħtu taħriġ fil-lingwa lil aktar minn 230 000 tifel u tifla, u aktar minn 52 000 student irċivew taħriġ ta' rkupru u ta' appoġġ. Minn Ġunju 2019, l-għadd ta' persunal edukattiv imħarreġ tela' għal aktar minn 170 000. Madwar 5 000 membru tal-persunal ġew appoġġjati permezz ta' salarji jew inċentivi. Taħt "PIKTES II", il-Faċilità għadha qed iżżid ir-rati ta' aċċess tal-istudenti Sirjani għall-edukazzjoni, u ttejjeb il-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjonijiet u tal-persunal edukattivi, kif ukoll il-kwalità tal-edukazzjoni.

Taħt l-ewwel segment, żewġ proġetti minn sitta implimentati taħt il-Fond Fiduċjarju tal-UE (EUTF) għal total ta' EUR 120 miljun (li jkopru primarjament l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), u l-edukazzjoni għolja) għadhom għaddejjin u għandhom jitlestew sal-2020.

Sar progress effettiv fit-titjib tal-iskejjel, b'aktar minn 900 skola mid-970 fil-mira li issa ġew mgħammra u rinnovati. Il-kostruzzjoni tal-iskejjel tinsab fit-triq it-tajba b'45 skola mibnija. Taħt it-tieni segment, il-Faċilità tipprovdi għal ammont ta' EUR 100 miljun f'infrastruttura edukattiva addizzjonali. . Wara Sejħa għal Proposti mnedija mid-Delegazzjoni tal-UE għat-Turkija, ġie ffirmat kuntratt ma' KfW f'Awwissu għall-kostruzzjoni ta' madwar għaxar skejjel primarji u sekondarji, 170 skola preprimarja u ċentru pubbliku wieħed ta' edukazzjoni. Barra minn hekk, qed isir progress fi proġett ta' enerġija nadifa ta' EUR 40 miljun taħt l-EUTF li għandu l-għan li jwassal l-enerġija f'120 skola permezz tal-bini ta' żewġ farms solari u ta' pannelli fuq il-bjut.

Protezzjoni

Il-fergħa umanitarja tal-Faċilità appoġġat l-eżerċizzju ta' reġistrazzjoni u ta' verifika għar-refuġjati sabiex jiġi legalizzat l-istatus tagħhom mad-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM)[42] fit-Turkija u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-servizzi soċjali. Taħt l-ewwel segment, kważi EUR 185 miljun ġew allokati għal dan l-għan, inkluża l-integrazzjoni tal-protezzjoni. Taħt it-tieni segment, ġew ikkuntrattati EUR 75 miljun

[40] Il-proġett jissejjaħ "PICTES – Nippromwovu l-integrazzjoni tat-tfal Sirjani fis-Sistema tal-Edukazzjoni Torka"
[41] Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva (PIKTES) II
[42] Id-Direttorat Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern Tork għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni

b'appoġġ tar-reġistrazzjoni u tal-aġġornament kontinwi tal-istatus tar-refuġjati, u sabiex ikompli jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal servizzi speċjalizzati ta' protezzjoni, kif ukoll għas-servizzi soċjali pprovduti mill-gvern.

Il-fergħa tal-iżvilupp permezz tal-EUTF assistiet fl-akkoljenza tar-refuġjati f'ċentri komunitarji u fir-riferiment ulterjuri tar-refuġjati vulnerabbli għal servizzi adegwati fit-Turkija. Wara l-adozzjoni tal-Miżura Speċjali f'Lulju 2019, matul l-abbozzar kienet qed tiġi nnegozjata għotja diretta lill-Ministeru tax-Xogħol, tal-Familji u tas-Servizzi Soċjali għal ammont ta' EUR 20 miljun, u din għandha ttejjeb il-provvista ta' servizzi soċjali preventivi u protettivi lill-aktar refuġjati vulnerabbli u lill-membri tal-komunità ospitanti.

Saħħa

Peress li l-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa qed tiġi appoġġata dejjem aktar mill-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità, taħt it-tieni segment is-sħab umanitarji bħalissa qed joperaw numru limitat ta' servizzi mobbli (sabiex iwieġbu għal ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa primarja urġenti, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva) u ta' servizzi speċjalizzati, bħas-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali u l-fiżjoterapija/ir-riabilitazzjoni fiżika. Fil-qasam prijoritarju tas-saħħa, it-tranżizzjoni sħiħa lejn il-programmazzjoni tal-iżvilupp hija mistennija titlesta sa tmiem l-2020.

Taħt il-fergħa tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni tal-għotja diretta "SIHHAT"[43] lill-Ministeru tas-Saħħa għandha tibqa' għaddejja sa Novembru 2020. In-numru ta' Ċentri tas-Saħħa funzjonali għall-Migranti laħaq il-176 u sa tmiem l-2019 ġew reklutati 3 181 membru tal-persunal tal-kura tas-saħħa. Il-pass tal-implimentazzjoni tal-proġett huwa sodisfaċenti b'riżultati tanġibbli miksuba fil-prattika. Il-fokus tal-proġett SIHHAT issaħħaħ sabiex jiġu ffaċilitati s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati bħas-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali, it-terapija fiżika u r-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi ta' protezzjoni (li qabel kienu appoġġjati taħt il-fergħa umanitarja) fiċ-Ċentri tas-Saħħa għall-Migranti (MHCs). B'mod parallel, qed jiġi implimentat proġett tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa taħt l-EUTF u dan jinkludi appoġġ għaċ-ċentri ta' taħriġ fis-saħħa għall-migranti, għat-taħriġ għall-persunal mediku Sirjan u għaċ-ċertifikazzjoni tat-tobba u tal-infermiera Sirjani sabiex jaħdmu fl-MHCs. L-għotja ta' segwitu lill-Ministeru tas-Saħħa (SIHHAT 2) ta' EUR 210 miljun għandha tibda fis-sajf tal-2020 u n-negozjati dwar il-kuntratt għaddejjin bħalissa. Jenħtieġ li din mhux biss tiżgura l-kontinwazzjoni tas-servizzi tas-saħħa kurrenti, iżda għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ is-servizzi speċjalizzati bħas-saħħa riproduttiva, is-saħħa mentali u s-servizzi ta' riabilitazzjoni fiżika. L-infrastruttura tas-saħħa qed tiġi appoġġata wkoll permezz tal-kostruzzjoni ta' sptarijiet f'Kilis u f'Hatay. Wara l-adozzjoni tal-Miżura Speċjali f'Lulju 2019, ġie allokat pakkett ta' EUR 90 miljun għall-bini addizzjonali fuq skala żgħira u/jew għar-riabilitazzjoni tal-infrastruttura tas-saħħa. Il-proċedura ta' akkwist se titnieda matul l-2020

Għad hemm tħassib fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għar-refuġjati barra l-post

[43] SIHHAT tirrappreżenta "Titjib tal-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni Sirjana taħt protezzjoni temporanja u tas-servizzi relatati pprovduti mill-awtoritajiet Torok" u hija għotja diretta ta' EUR 300 miljun lill-Ministeru tas-Saħħa Tork sabiex jiġi żgurat aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa lir-refuġjati.

tar-reġistrazzjoni oriġinali tagħhom jew matul l-ispostamenti, li huwa limitat għas-Servizzi ta' Kura ta' Emergenza u għat-tilqim. Dan jaffettwa b'mod negattiv lir-refuġjati li jispostaw ruħhom, għall-ħaddiema staġjonali u għar-refuġjati li ġew risistemati fi provinċji oħra. Il-Kummissjoni ssegwi t-tibdiliet politiċi mill-qrib u għandha l-għan li tilħaq il-popolazzjoni tar-refuġjati affettwata permezz ta' attivitajiet tal-kura tas-saħħa mobbli ta' SIHHAT.

Infrastruttura muniċipali

Bħalissa għaddej il-bini ta' faċilitajiet ta' infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma mormi f'Kilis, f'Hatay, f'Gaziantep u f'Sanliurfa taħt proġett tal-EUTF implimentat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP). Barra minn hekk, ġew akkwistati vetturi għat-tifi tan-nar u ngħatat assistenza teknika sabiex tiżdied il-kapaċità tal-istituzzjonijiet lokali sabiex jirrispondu għall-emerġenzi. Wara Sejħa għal Espressjoni ta' Interess imnedija f'Diċembru 2018, numru ta' proġetti ntgħażlu b'mod proviżorju għal finanzjament taħt it-tieni segment. Dawn il-proġetti jinkludu azzjonijiet sabiex itejbu l-aċċess għas-servizzi muniċipali, u l-kwalità ta' dawn, fl-oqsma tal-provvista tal-ilma, tal-ilma mormi u tal-immaniġġjar tal-iskart solidu fiż-żoni l-aktar affettwati mill-influss ta' refuġjati, kif ukoll komponent iżgħar għall-infrastruttura tar-rikreazzjoni b'appoġġ tal-koeżjoni soċjali. L-ewwel kuntratt mal-Agence Française de Développement ġie ffirmat f'Diċembru 2019, filwaqt li bħalissa għaddejjin negozjati ma' sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni.

Ħtiġijiet bażiċi u appoġġ soċjoekonomiku

L-interventi f'dan il-qasam prijoritarju għandhom l-għan li jiżguraw appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi tar-refuġjati l-aktar vulnerabbli u jagħtu spinta lir-reżiljenza u lill-awtodipendenza. Jenħtieġ li dan jippermetti tranżizzjoni mid-dipendenza fuq skemi ta' assistenza soċjali għal aktar indipendenza u opportunitajiet ta' għajxien għal dawk li għandhom il-kapaċità u l-ħiliet meħtieġa.

Ix-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN), programm ta' assistenza soċjali umanitarja, tforni flus kull xahar, mingħajr restrizzjonijiet, bi skop multiplu, lir-refuġjati vulnerabbli. Sa minn Diċembru 2019, din qed tappoġġja aktar minn 1,7 miljun refuġjat vulnerabbli sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom. It-tieni fażi tal-ESSN jenħtieġ li ddum għaddejja sa April 2020, meta jenħtieġ li jibda kuntratt ġdid ta' EUR 500 miljun (ESSN 3) mal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar. Jenħtieġ li dan jippermetti l-għoti ta' appoġġ lill-aktar refuġjati vulnerabbli sal-bidu tal-2021. L-ammont totali allokat għar-rispons għall-ħtiġijiet bażiċi taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità huwa ta' aktar minn EUR 1,8 biljun.

Minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi taħt it-tieni segment jiffokaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet tal-għajxien. Fiż-żmien tal-abbozzar, kienet qed tiġi nnegozjata għotja diretta mal-Ministeru tax-Xogħol, tal-Familja u tas-Servizzi Soċjali u jenħtieġ li din tippermetti l-għoti ta' appoġġ lill-aktar refuġjati vulnerabbli komparabbli mal-assistenza soċjali pprovduta taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Torka. Il-koeżistenza tal-ESSN u tal-għotja diretta teħtieġ koordinazzjoni u tfassil bir-reqqa tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji, jiġi evitat finanzjament doppju, u tiġi żgurata t-tranżizzjoni progressiva minn assistenza umanitarja għal

dik għall-iżvilupp. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet isiru b'mod parallel mal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' appoġġ soċjoekonomiku taħt l-ewwel segment, b'total ta' aktar minn EUR 185 miljun. Attivitajiet li jinkludu konsulenza dwar l-impjiegi u vokazzjonali, programmi ta' taħriġ fuq ix-xogħol u simplifikazzjoni tal-proċess ta' ħruġ tal-permessi tax-xogħol, jenħtieġ li jappoġġaw kemm lir-refuġjati Sirjani kif ukoll lill-komunitajiet ospitanti. L-għan huwa li tiżdied l-impjegabilità tagħhom u li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. Proġett ta' EUR 50 miljun qed jiġi implimentat mill-Bank Dinji, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Torka tal-Impjiegi İŞKUR u mal-Ministeru tal-Familja, tax-Xogħol u tas-Servizzi Soċjali. Barra minn hekk, qed jiġu pprovduti għotjiet żgħar għall-intraprendituri u għat-taħriġ intraprenditorjali għan-negozji ġodda kemm lir-refuġjati Sirjani kif ukoll lill-komunitajiet ospitanti u lill-intraprendituri eżistenti f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Industrija Żgħira u ta' Daqs Medju tat-Turkija, KOSGEB. Proġett ieħor implimentat mill-Bank Dinji jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' intraprenditorija soċjali mmexxi min-nisa sabiex jipprovdi attività sostenibbli li tiġġenera l-introjtu kemm għal refuġjati Sirjani vulnerabbli kif ukoll għal nisa Torok.

Taħt it-tieni segment, u wara Sejħa għal Espressjoni ta' Interess ta' Diċembru 2018, ġew identifikati diversi proġetti ma' entitajiet ivvalutati skont il-pilastru għal ammont totali ta' EUR 465 miljun. L-attivitajiet ippjanati jimmiraw li jżidu l-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, itejbu s-servizzi pprovduti fejn jidħlu l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, il-provvista tas-suq u t-tlaqqigħ tad-domanda, u joħolqu ambjent li jwassal għat-tkabbir, għar-reġistrazzjoni u għall-espansjoni tan-negozji. Jenħtieġ li l-attivitajiet jimmiraw kemm lejn ir-refuġjati kif ukoll lejn il-komunitajiet ospitanti fi sforz biex tingħata spinta lill-koeżjoni soċjali u jiġu miġġielda l-istereotipi li jwasslu għal tensjonijiet soċjali. L-ewwel żewġ proġetti ġew iffirmati f'Diċembru 2019, ma' Expertise France u maċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (ICMPD).

Aspetti tal-ġeneru fil-proġetti taħt il-Faċilità

Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II (GAP) "It-Trasformazzjoni tal-Ħajjiet ta' Bniet u ta' Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020" dwar it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għall-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet huma prijoritajiet u objettivi trażversali tal-UE, li jiggwidaw l-interventi tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

B'mod aktar speċifiku, il-fergħa umanitarja tal-Faċilità hija rregolata mill-politika tal-ECHO tal-2013 dwar il-ġeneri "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Għajnuna Umanitarja: ħtiġijiet differenti, rispons adattat". Dan jimplika appelli lis-sħab sabiex iwettqu analiżi skont il-ġeneru fil-bidu ta' programm, sabiex jadattaw id-disinn u l-implimentazzjoni tal-programm skont ir-riskji u l-opportunitajiet differenzjali li jaffaċċjaw il-gruppi ta' ġeneri, u jirrapportaw dwar riżultati b'*data* diżaggregata skont il-ġeneru.

B'riżultat ta' dan, il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri jiġu kkunsidrati għall-proġetti kollha tal-Faċilità u jiġu integrati. L-interventi tal-Faċilità huma mfassla sabiex jippromwovu li

jingħataw opportunitajiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa, għas-subien u għall-bniet. Għall-monitoraġġ ta' dan, tingħabar *data* diżaggregata skont il-ġeneri. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija kkombinata ma' azzjonijiet iddedikati li ġew żviluppati sabiex jiġi żgurat il-progress f'dan il-qasam. Il-Faċilità taħdem ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li għandhom esperjenza solida f'dan l-approċċ u li għandhom il-kapaċità li jidħlu fi djalogu mal-awtoritajiet Torok. Dawk jinkludu l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), il-UN Women, u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Ġestjoni tal-migrazzjoni

Taħt l-ewwel parti tal-Faċilità ġew iffinanzjati żewġ proġetti f'dan il-qasam. L-ewwel proġett ta appoġġ mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Gwardja tal-Kosta Torka sabiex twettaq operazzjonijiet ta' tfittxija u ta' salvataġġ. Sitt dgħajjes tas-salvataġġ ġew ikkonsenjati fl-2018 u 1 081 membru tal-persunal tal-Gwardja tal-Kosta Torka ngħataw taħriġ dwar l-istandards umanitarji. It-tieni proġett kien li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija permezz ta' assistenza lid-DGMM fil-ġestjoni tar-ritorni mill-UE u fl-operazzjonijiet ta' kuljum f'21 ċentru ta' tneħħija. Il-Faċilità kopriet il-kostijiet marbuta mal-ġestjoni tar-ritorni (it-trasport, l-ospitalità) ta' 369 Sirjan u ta' 1 605 persuna mhux Sirjana, kif ukoll mal-kostruzzjoni ta' ċentru ta' tneħħija għal 750 persuna. Il-proġett kopra l-kostijiet għall-mediċina, għall-ikel, għall-kits tal-iġjene, għall-ilbies, għall-karti tat-telefown għal migranti irregolari maqbuda fit-Turkija u rritornati mill-UE, kif ukoll il-kostijiet tal-utilitajiet taċ-ċentri ta' tneħħija. Il-proġett iffinanzja wkoll is-salarji ta' 186 membru tal-persunal sabiex jipprovdu servizzi għall-migranti f'21 ċentru ta' tneħħija, inklużi psikologi (24), assistenti soċjali (17), interpreti (54), inġiniera tal-ikel (15), tekniċi (43) u xufiera (33). Dan il-proġett intemm f'Diċembru 2019. Mhi prevista l-ebda allokazzjoni baġitarja speċifika għal dan il-qasam taħt it-tieni segment.

6. Monitoraġġ u evalwazzjoni

Is-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Faċilità tfasslet sabiex tiġi implimentata gradwalment u sabiex tiġi mtejba kontinwament.

Qafas tar-Riżultati

Il-qafas tar-Riżultati tal-Faċilità jirrifletti l-qafas strateġiku tal-Faċilità nnifisha, kif ukoll l-azzjonijiet konkreti implimentati taħt il-kappa tal-Faċilità u l-oqfsa loġiċi tagħhom. Il-Qafas tar-Riżultati ġie żviluppat bejn Awwissu 2016 u Marzu 2017 f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità, l-awtoritajiet Torok rilevanti u s-Servizzi tal-Kummissjoni rilevanti. L-ewwel abbozz ġie kondiviż mal-Kumitat ta' Tmexxija f'Marzu 2017 u verżjoni riveduta f'Novembru 2018.

Il-Qafas tar-Riżultati għaddej minn reviżjoni ulterjuri sabiex jiġu żgurati l-aġġornament u l-allinjament tiegħu mal-oqsma prijoritarji aġġornati taħt it-tieni segment tal-Faċilità. L-għan ewlieni huwa li jiġi permess il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u r-rapportar tar-riżultati, kemm fil-livell tal-outputs kif ukoll fil-livell tal-eżiti għall-Faċilità kollha kemm hi. L-abbozz finali tal-Qafas tar-Riżultati Rivedut ġie kondiviż mal-Kumitat ta' Tmexxija f'Diċembru 2019.

Monitoraġġ u rapportar fil-livell tal-Faċilità

Il-monitoraġġ fil-livell tal-Faċilità tnieda fir-rebbiegħa tal-2017. Id-*data* ta' monitoraġġ tiġi ġġenerata fil-livell tal-outputs mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, skont l-obbligu tagħhom taħt kull kuntratt. L-ewwel talba għal *data* ta' monitoraġġ inħarġet f'Mejju 2017, segwita minn tliet ċikli ta' rapportar fl-2017. Iċ-ċikli ta' rapportar komplew fl-2018 u fl-2019; abbażi ta' dan, ir-Rapporti ta' Monitoraġġ tal-Faċilità ġew rilaxxati darbtejn fis-sena, bl-aħħar rapport ta' monitoraġġ ikopri l-perjodu sa Ġunju 2019.[44]

L-ewwel ċikli ta' ġbir ta' *data* tfasslu bħala fażi pilota għall-indikaturi tal-outputs tal-Qafas tar-Riżultati. Huma kienu strumentali sabiex is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Faċilità, u sabiex tiġi ttestjata l-fattibbiltà tal-indikaturi proposti. Ta' min jinnota li sehem sinifikanti mill-portafoll tal-azzjonijiet tal-Faċilità ngħata b'kuntratt lejn tmiem l-2017 u li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrispondenti bdiet fl-2018.

Id-*data* rilevanti għall-indikaturi tal-Qafas tar-Riżultati tal-Faċilità huma rrapportati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni lill-awtoritajiet kontraenti, jiġifieri d-Delegazzjoni tal-UE għat-Turkija, il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, EUTF, u d-DĠ ECHO, bl-użu ta' mudell komuni ta' monitoraġġ. Id-*data* tiġi kkonsolidata minn kull awtorità kontraenti u sottomessa lis-Segretarjat tal-Faċilità għall-aggregazzjoni u għall-analiżi. Il-proċess jirċievi appoġġ tekniku permezz ta' għodda tal-IT interna – il-Pjattaforma ta' Monitoraġġ tal-Faċilità - li tippermetti l-aggregazzjoni, l-analiżi u l-viżwalizzazzjoni awtomatiċi tad-*data*. Il-karatteristiċi ewlenin tal-Pjattaforma ta' Monitoraġġ tal-Faċilità ntwerew matul il-Kumitat ta' Tmexxija ta' Diċembru 2019.

Assistenza Teknika għall-monitoraġġ

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura ta' Appoġġ dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-awditu u l-komunikazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija f'Mejju 2017. Dan ippermetta l-akkwist ta' assistenza teknika b'appoġġ għall-monitoraġġ tal-Faċilità, kemm fil-livell tal-azzjonijiet/tal-kuntratti kif ukoll f'dak tal-Faċilità. Il-kuntratt ta' assistenza teknika għall-monitoraġġ ġie ffirmat f'Jannar 2018 u qed jiġi implimentat. L-assenjazzjoni għandha żewġ partijiet distinti. L-ewwel waħda tikkonsisti f'appoġġ għall-monitoraġġ u għar-rapportar fil-livell tal-Faċilità. Din tinkludi rieżami perjodiku tal-Qafas tar-Riżultati, ir-rieżami tal-valuri tal-linja bażi u tal-valuri fil-mira u l-metodi ta' kalkolu tal-indikaturi u l-linji gwida relatati. It-tim tal-assistenza teknika huwa wkoll inkarigat li jappoġġja lis-Segretarjat tal-Faċilità fit-twettiq tal-analiżi tal-ewwel livell tad-*data* ta' monitoraġġ miġbura kull tliet xhur permezz tal-Pjattaforma ta' Monitoraġġ tal-Faċilità u fit-tħejjija tar-Rapporti Biannwali ta' Monitoraġġ tal-Faċilità. It-tieni parti tal-assenjament tikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ lid-Delegazzjoni tal-UE sabiex tissorvelja azzjonijiet/kuntratti ffinanzjati mill-Faċilità taħt il-fergħa tal-iżvilupp, inkluża l-verifika tad-*data* permezz ta' missjonijiet ta' monitoraġġ regolari jew *ad hoc*. Tabilħaqq, minħabba d-daqs ta' xi interventi tal-Faċilità u l-firxa ġeografika tal-attivitajiet, id-Delegazzjoni teħtieġ appoġġ għal verifiki fuq il-post. Sa tmiem

[44] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/facility_results_framework_monitoring_report.pdf

Diċembru 2019, tlestew 135 missjoni ta' monitoraġġ: saru sitt missjonijiet ta' monitoraġġ orjentati lejn ir-riżultati (ROM) mill-esperti tar-ROM, 31 missjoni mit-tim tal-assistenza teknika, u 98 missjoni ta' verifika fuq il-post/missjonijiet ta' monitoraġġ mill-maniġers tal-programmi tal-EUD rilevanti. Aktar minn 28% ta' dawn il-missjonijiet ta' monitoraġġ kollha kienu mmirati lejn l-għotjiet diretti lill-Ministeri tal-Edukazzjoni u tas-Saħħa, u lid-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni.

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni adottat it-tieni Miżura ta' Appoġġ sabiex tikkomplementa, tkompli u tibni fuq ir-riżultati miksuba taħt l-ewwel Miżura ta' Appoġġ. Il-pilastru umanitarju tal-Faċilità huwa mmonitorjat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti. Il-monitoraġġ tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) twettaq mill-persunal fuq il-post tad-DĠ ECHO fit-Turkija u mill-uffiċċju reġjonali tad-DĠ ECHO f'Amman kif ukoll permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ minn persunal mill-Kwartieri Ġenerali. Sa tmiem Diċembru 2019, tlestew 177 missjoni ta' monitoraġġ fil-livell tal-proġetti. Minbarra l-indikaturi tal-Qafas tar-Riżultati li abbażi tagħhom is-sħab tad-DĠ ECHO jirrapportaw kull tliet xhur, ġew irrapportati wkoll indikaturi dwar il-qasam prijoritarju ta' protezzjoni taħt l-ewwel segment, u dawn ġew riflessi fl-istess Pjattaforma ta' Monitoraġġ użata għall-monitoraġġ fil-livell tal-Faċilità. Taħt il-Qafas tar-Riżultati Rivedut, inħoloq qasam prijoritarju ta' protezzjoni espliċita u l-indikaturi rilevanti kollha taħt il-fergħa umanitarja ġew integrati taħt qafas wieħed li jkopri l-Faċilità kollha.

Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-interventi tal-Faċilità qed issir fi tliet livelli differenti; evalwazzjonijiet fil-livell tal-azzjonijiet, evalwazzjonijiet tat-tip tal-portafoll tal-Faċilità u evalwazzjonijiet oħra relatati mal-Faċilità. Tlestew jew għadhom għaddejjin ħames evalwazzjonijiet fil-livell tal-azzjonijiet u tal-portafolli tal-Faċilità u sitt evalwazzjonijiet relatati mal-Faċilità. F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni nediet l-evalwazzjoni strateġika ta' nofs it-terminu tal-Faċilità, li bdiet f'Marzu 2019. L-evalwazzjoni għandha tivvalutata l-kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-oqsma prijoritarji tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tal-appoġġ soċjoekonomiku u tal-ġestjoni tal-migrazzjoni matul il-perjodu 2016-2019/20. Din għandha tipprovdi lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità, lil partijiet ikkonċernati oħra interessati u lill-pubbliku ġenerali b'valutazzjoni kumplessiva indipendenti tal-prestazzjoni tal-Faċilità, b'attenzjoni partikolari għar-riżultati intermedji tagħha mkejla meta mqabbla mal-objettivi tagħha. L-evalwazzjoni għandha wkoll l-għan li tiġbor it-tagħlimiet meħuda u li tipprovdi rakkomandazzjonijiet sabiex jittejbu l-azzjonijiet attwali u futuri tal-Faċilità.

7. Awditu

Wara l-ħruġ tar-Rapport Speċjali dwar il-Faċilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)[45] maħruġ f'Novembru 2018, il-Kummissjoni qed timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Sar progress tajjeb fir-rakkomandazzjonijiet kollha b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar ta' komplementarjetà akbar tal-istrumenti użati taħt il-Faċilità, tat-tnaqqis tal-kostijiet ta' appoġġ indiretti u tal-iżvilupp ta' strateġija ta' tranżizzjoni.

[45] https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR18_27/SR_TRF_MT.pdf

8. Komunikazzjoni u viżibbiltà

Sa mill-bidu nett, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni tal-Faċilità kienu prijoritajiet ewlenin. Il-Faċilità hija ċentrali sabiex twassal il-messaġġ tal-appoġġ qawwi u kontinwu tal-UE lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. L-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-2017 tibqa' l-qafas ġenerali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, bl-għan li ssaħħaħ il-viżibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità.

Avvenimenti u ċerimonji

Fl-2019 saru diversi avvenimenti, li taw lok għal stadji importanti sinifikanti tal-Faċilità, kif ukoll avvenimenti li fetħu proġetti f'diversi setturi organizzati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dawn jinkludu, pereżempju, ċerimonja ta' ftuħ ta' skola mill-Bank Dinji, taħriġ fil-midja mill-Assoċjazzjoni għas-Solidarjetà mal-Applikanti għall-Ażil u mal-Migranti (ASAM), ċerimonja rivoluzzjonarja tal-isptar tal-istat f'Hatay iffinanzjat mill-Faċilità mill-Agence Française de Développement (AFD), u ċerimonja tal-gradwazzjoni tal-istudenti universitarji ffinanzjata mill-UE. Diversi avvenimenti oħra organizzati mid-Delegazzjoni tal-UE ġibdu l-attenzjoni tal-pubbliku, bħall-kunċert ta' "Harmony of the Future" fl-okkażjoni tal-Konferenza dwar is-Sirja; l-istabbiliment tat-tim tal-futbol "Tim ta' Solidarjetà UE-Turkija", li ħa sehem fit-turnament tal-futbol U12 İzmir Cup[46]; u wirja ta' ritratti dwar il-migrazzjoni fil-Jum Dinji tar-Refuġjati. Il-Faċilità ġiet ippreżentata wkoll fl-okkażjoni tal-Forum Globali dwar ir-Refuġjati f'Ġinevra fi tmiem Diċembru 2019. Barra minn hekk, id-Delegazzjoni tal-UE, Konya Governorship, l-Ambaxxaturi u rappreżentanti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali pparteċipaw fil-ftuħ ta' bini ġdid ta' skola bħala parti mill-"Proġett dwar l-Infrastruttura tal-Edukazzjoni għar-Reżiljenza"[47].

Is-sħab umanitarji tal-UE implimentaw diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni madwar l-Ewropa, li informaw liċ-ċittadini Ewropej dwar l-appoġġ tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija. Pereżempju, il-Programm Dinji tal-Ikel, bħala parti mill-ispinta fil-komunikazzjoni madwar il-programm tax-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN), organizza wirja fi stazzjon tal-ferrovija fi Strasburgu bejn Lulju u Settembru 2019. Dan wera 52 opra tal-arti maħluqa minn tnax-il mara Sirjani, kollha benefiċjarji tal-programm tal-ESSN fit-Turkija. Għall-ewwel, il-wirja saret f'Ankara u f'Istanbul fl-2018, u ġibdet attenzjoni kbira mill-midja. Il-UNICEF organizza wirja tal-fotografija, iffinanzjata mid-DĠ ECHO taħt il-Programm Edukazzjoni Mhux Formali (NFE), bit-titolu "Dreams of the Future". Din uriet ritratti meħuda mill-adoloxxenti Torok u Sirjani fil-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali Franċiż f'Pariġi f'Mejju 2019. Is-sieħeb umanitarju tal-UE, Diakonie, organizza wirjiet madwar il-Ġermanja fl-2019, jiġifieri f'Berlin u f'Hanover. Dan mexxa wkoll kampanja ta' informazzjoni fuq l-iskrins matul il-ġranet tal-knisja evanġelika Ġermaniża f'Dortmund.

Preżenza tal-midja

[46] https://www.avrupa.info.tr/en/news/eu-delegations-eu-tr-solidarity-team-won-hearts-u12-izmir-cup-9452
[47] https://www.avrupa.info.tr/en/eu-and-member-states/eu-delegation-turkey-konya-governorship-eu-ambassadors-and-representatives

Il-programmi umanitarji tal-Faċilità dehru f'aktar minn 70 rapport internazzjonali importanti stampat u awdjo/viżiv fl-2019. Dan kien sostnut minn vjaġġ għall-midja organizzat mid-DĠ ECHO lejn it-Turkija, u żewġ żjarat għall-midja organizzati mis-sħab umanitarji tal-UE. Avvenimenti oħra tal-midja fl-2019 kienu jinkludu vjaġġ għall-istampa għall-ġurnalisti Ewropej organizzat mid-Delegazzjoni tal-UE, li matulu l-ġurnalisti żaru proġetti tal-Faċilità f'Istanbul[48]. Barra minn hekk, il-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet żar it-Turkija fl-okkażjoni tal-programm tal-ESSN li laħaq 1,5 miljun benefiċjarju f'Jannar 2019. Aktar minn għaxar gazzetti nazzjonali ta' kuljum u aġenziji nazzjonali tal-istampa kif ukoll aktar minn 100 aġenzija tal-midja diġitali rrapportaw dwar iż-żjara.

L-użu ta' materjal awdjoviżiv sabiex jintwerew l-attivitajiet tal-Faċilità kien parti importanti mill-istrateġija ġenerali ta' komunikazzjoni. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ġew imħeġġa jipproduċu filmati dwar il-kisbiet tal-proġetti tagħhom permezz ta' stejjer ta' interess uman. Fl-2019, l-aġenziji tan-NU, il-ministeri u l-NGOs ipproduċew kważi 50 vidjo. Ixxandru għaxar episodji televiżivi fuq stazzjon nazzjonali tat-televiżjoni fit-Turkija, li ffokaw fuq proġetti differenti taħt il-Faċilità minn angolu ta' interess uman. Ġew intervistati wkoll uffiċjali Torok. Fuq il-Kanal ta' Youtube tad-Delegazzjoni tal-UE inħolqot playlist li ġabret il-Programmi televiżivi "Hepsi Gerçek"[49].

It-timijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE u tad-DĠ ECHO fit-Turkija jippromwovu regolarment il-proġetti tal-Faċilità. Dawn il-proġetti ngħataw kopertura wiesgħa minn xandara internazzjonali ewlenin inklużi TRT World, Reuters, Deutsche Welle, Anadolu Agency, u oħrajn. Intwerew reklami fuq it-TV matul il-bidu tas-sena skolastika l-ġdida tal-2019, b'enfasi fuq proġetti infrastrutturali fis-settur tal-edukazzjoni. Kontenut relatat mal-programmi umanitarji rreġistra tal-anqas 200 hit fuq il-midja nazzjonali.

Fl-2019, il-Kummissjoni ħarġet tmien stqarrijiet għall-istampa b'rabta mal-Faċilità, u d-Delegazzjoni tal-UE f'Ankara ħarġet għaxra oħra lokalment. Is-sħab umanitarji tad-DĠ ECHO ħarġu ħames stqarrijiet għall-istampa lokali fl-2019. Is-sħab umanitarji u l-persunal tal-UE pproduċew għaxar stejjer fuq blogs, li ġew promossi b'mod estensiv permezz tal-kanali tal-organizzazzjonijiet tas-sħab, permezz tal-midja soċjali kemm tad-DĠ NEAR kif ukoll tad-DĠ ECHO, kif ukoll permezz tal-kontijiet tal-midja soċjali tal-UE fit-Turkija[50].

9. Konklużjoni u l-passi li jmiss

Fl-2019 sar progress importanti fil-mobilizzazzjoni tal-Faċilità. Ġie impenjat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità, li aktar minn żewġ terzi minnu ġew ikkuntrattati u aktar minn nofsu ġie żborżati. Il-Faċilità kompliet tipprovdi għajnuna tant meħtieġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Il-passi li jmiss jinkludu:

[48] https://www.avrupa.info.tr/en/news/european-journalists-visited-eu-funded-facility-projects-istanbul-9976
https://www.avrupa.info.tr/en/news/european-journalists-visited-eu-funded-facility-projects-hatay-9453
[49] https://www.youtube.com/watch?v=CkMvDJh-478&list=PLw5V7dmdvArQfuY4PNvcy-9BAlw_dslsN
[50] Id-delegazzjoni tal-UE tellgħet 49 post fuq Instagram, 77 fuq Facebook u 189 fuq Twitter. Fuq Facebook dawn il-posts irċivew 141 000 impressjoni u fuq Twitter aktar minn miljun impressjoni.

- *L-issoktar tal-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti kollha għall-benefiċċju tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.*
- *L-issoktar tat-tħaddim tas-sistema ta' monitoraġġ.*
- *L-issoktar tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni.*
- *Laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità fir-rebbiegħa u fil-ħarifa tal-2020.*